**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru tmienja (8) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar 2020 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| Skużata: | Grace Marie Zerafa | Viċi Sindku |

**08.01 Talba**

Is-Sindku qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

**08.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji**

Id-DSE qara l-ittra ta' apoloġija ta' l-assenza ta' Grace Marie Zerafa u din kienet imressqa għall-vot minn Omar Farrugia u ssekondata minn Henry Zaffarese u kien hemm qbil unanimu illi Grace Marie Zerafa tkun skużata.

**08.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti**

Il-minuti tal-laqgħa preċedenti kienu mressqa għall-vot minn Omar Farrugia u kienu ssekondati minn Owen Sciberras u kienu approvati unanimament u ffirmati.

**08.04 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-Tieni *draft* tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2020**

It-tieni draft tal-Estimi Annwali kienu kkunsidrati. Dawn għadhom ma ġewx approvati sakemm tinżamm il-laqgħa pubblika ta' għada. Madankollu, l-kunsillieri preżenti qablu mal-figuri miġjuba f'dan it-tieni *draft.* Dwar l-għoti ta' tarmak fi Triq tat-Torri u fi Triq tax-Xatba l-Ħamra, l-kunsillieri staqsew lid-DSE jekk kienx hemm xi stimi li setgħu saru. Ir-risposta kienet fin-negattiv. Aktar tard fil-laqgħa reġgħa ssemma' minn Jonathan Dingli kif qed joqgħod ħafna ilma fi Triq tat-Torri u d-diffikulta' li nqalgħet hekk kif xi ħadd talab li jsirlu d-drenaġġ fil-parti li ma taqlibx bil-gravita' lejn il-forn tal-ħobż u għaldaqstant lejn il-Pjazza tal-Knisja. Issemmiet il-ħtieġa li jinqalgħu arbli tad-dawl mejta, jkun iddrittat ieħor mgħawweġ tal-wires tat-telefon u biex jitwaħħlu mirja biex jassistu lis-sewwieqa fl-istess triq. Dawn ma kienux inklużi fil-proġett li jsiru.

**08.05 Ħatra ta' Chairman, Segretarju u tliet evalwaturi fuq l-offerti tal-*Contract Manager* u l-Perit.**

Is-Sur Kenneth Brincat kien maħtur *Chairman,* Anthony Bonello, Segretarju, it-tliet evalwatura huma s-Sindku, Jonathan Dingli u Henry Zaffarese u l-*opening staff* tal-Offerta tal-Perit li se tinfetaħ dalwaqt se jkunu Marouska Zahra u Valerie Galea.

**08.06 Laqgħa Pubblika**

Id-DSE qal illi l-affarijiet loġistiċi huma kollha lesti biex din il-laqgħa tinżamm għada 7.1.2020 u fil-bidu se jkun hemm *power point* li se jwassal biex viżwalment juri x-xogħlijiet li saru matul l-2019 u li se jkun maqsum f'dawn it-taqsimiet: Attivitajiet, Xogħlijiet, Inizjattivi Oħra, Rebħ ta' Unuri, Proġetti u Ħarsa 'l Quddiem.

Il-Kunsillier Owen Sciberras talab li jkun skużat għal-laqgħa pubblika għaliex kien se jkun xogħol.

**Punti Oħra:**

*Arranġamenti temporanji tat-traffiku*: Omar Farrugia qal illi minħabba x-xogħlijiet li qed isiru fil-Pjazza tal-Knisja minn Infrastruttura Malta, se jkollna bilfors nagħlqu Triq il-Karmnu mis-7 ta' Jannar 2020 u l-karozzi se jidħlu minn Triq Valletta u jkun hemm *drop off* quddiem l-iskola. Infatti hu ssuġġerixxa illi l-vetturi minn Triq Valletta quddiem l-iskola jibdew jgħaddu *two way* u din il-parti ma tibqax *one way.* Issuġġerixxa wkoll illi fil-ħinijiet tal-iskola, it-traffiku għandu jibqa' tiela għal quddiem il-Kunsill u jgħaddi lejn Triq tas-Sejba. Madankollu, Triq il-Parroċċa għandha ssir *one way* fil-ħin tal-iskola bit-traffiku ma jitħalliex jinżel 'l isfel, mil-Pulizija. Hu sostna illi Triq id-Duluri għandha tkun magħluqa minn quddiem ir-Remissa.

*Bankina fi Triq Karmenu Ciantar:* Is-Sindku qal illi għandu stima verbali sabiex il-KLM jaqla' minn konkos u ssir *patterned / stencilled concrete* il-bankina ta' Triq Karmenu Ciantar, li tammonta għal Eur 20,000. Jonathan Dingli qal illi hu jħoss illi ġaladarba din inqalgħet minn *Infrastruttura Malta,* din għandhom jerġgħu jagħmluha kif kienet spejjeż tagħhom. Is-Sindku qal illi se jressaq din il-proposta fil-*Progress Meeting* li hu skedat li jsir nhar il-Ħamis 9 ta' Jannar.

*Cabinets tad-dawl temporanju fil-By-Pass:* Jonathan Dingli semma' l-proġett tal-By-Pass u qal illi fil-*cabinets* li għandhom jitpoġġew biex jipprovdu l-elettriku lil Tal-Festa, għandhom ikunu bħal dawk tal-*marinas* u jkun hemm ukoll fihom il-mejnijiet tal-ilma flimkien mal-*Earth Electrodes*.

*Restawr tal-Kappella tad-Duluri*: Id-DSE tkellem dwar l-iskema tar-restawr li kien applika għaliha l-KLM mal-Gvern Ċentrali. Hu qal illi l-proposta tat-Torri tal-Wilġa ma ġietx milqugħa iżda kienet milqugħa dik tal-Kappella ta' Santa Katerina. Id-DSE qal illi sal-llum id-Dipartiment talbuna il-*consent.* Il-Kappillan tal-Parroċċa kien mitkellem waqt il-laqgħa u tana l-kunsens li min-naħa tagħna infurmajna bih lid-Dipartiment. Id-DSE qal illi din mhux l-ewwel okkażjoni li l-KLM se jkun qed jirrestawraha u mill-esperjenza li għandna, l-akbar spiża dejjem tkun l-armar tal-*iscaffolding* għaliex ma jidhirx li hemm bżonn li jinbidlu ammonti kbar ġebel tal-franka fil-faċċata tagħha. Ovjament ir-restawr ma jsirx minn ġewwa skont l-iskema.

*Laqgħa dwar it-traffiku:* Omar Farrugia informa lill-KLM illi se ssir laqgħa mas-Sur Michael Cohen ta' Trasport Malta nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Jannar fl-10.30am ġewwa Ħal Lija u fiha se jkunu mqanqlin il-pendenzi kollha li għandna ma' TM, fosthom il-proposta *Zebra Crossing* fi Triq tas-Sejba, il-*Bus Shelters* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, ecc

Henry Zaffarese qal illi waqt l-arranġamenti temporanji tat-traffiku fi Triq Valletta, għandhom jiġu mgħottija il-*one way* signs fi Triq Valletta. Dan ix-xogħol se jsir għada filgħodu mil-ħaddiema tagħna.

Dwar l-applikazzjoni biex jinbena' sular fuq il-BOV fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, is-Sindku sostna illi m'għandux informazzjoni dwarha filwaqt li Owen Sciberras qal illi għandna niċċekkjaw għax jekk hemm bżonn għandna nagħmlu oġġezzjoni formali. Is-Sindku qal illi se jivverifika dan kollu.

Dwar l-applikazzjoni tal-iżvilupp tad-Dar tal-Anzjani fi Triq Valletta li dwara qed nistennew xi mistoqsija fil-laqgħa pubblika ta' għada, is-Sindku qal illi mill-informazzjoni li għandu din kienet f'ODZ.

Owen Sciberras semma' ir-rapport tal-manutenzjoni tal-librerija pubblika. Hu qal illi hemm bżonn ninvestu fil-manutenzjoni tal-AC kif ukoll tad-dwal. Issemma' wkoll l-eżerċizzju li qed isir biex jidħlu kotba illi baqgħu għand min kien issellifhom. Il-kunsillieri qablu illi jekk jirriżulta li dawk kienu ġew mislufa diversi snin ilu, id-dipartiment m'għandux joħroġ notifiki daqstant ħorox lil dawn il-persuni għaliex kellu ż-żmien kollu li jibgħat għalihom qabel, u dan m'għamlux.

Owen Sciberras insista biex it-triq tas-siġar (Valletta) issir mill-Gvern Ċentrali. Omar Farrugia qal illi din se ssir wara l-*by pass*. Kien hemm diskussjoni dwar kemm se tidjieq it-triq bil-bankini u dwar l-għeruq tas-siġar li tellgħu it-triq. Madankollu din hija xi ħaġa prerogattiva tal-Gvern Ċentrali illi għandu din it-triq fir-responsabbilita' tiegħu.

Owen Sciberras semma' lampa fi Triq it-Torri li qal illi tħanxrilha l-pipe min nofs minkejja li din kienet ma faċċata ta' residenza. Se ssir spezzjoni biex naraw eżattament x'hemm.

Il-KLM se jagħmel laqgħa ma' Greenpak dwar il-ħtieġa tal-kontenituri tal-iskart li hemm fi Triq Valletta quddiem l-iskola. Dawn huma imkissrin u jinsabu fi stat verament ħażin.

Il-KLM iddiskuta il-kuntrattur tal-latrina pubblika. Jonathan Dingli qal illi llum din infetħet tard minkejja illi hu u s-Sindku kellhom laqgħa miegħu nhar l-20.12.2019 fis-6.30pm u kien hemm ammissjoni min-naħa tal-kuntrattur. B'emerġenza ġie deċiż illi titqabbad Grace Barbara biex tibda' tieħu ħsieb il-latrina u ninfurmaw lil G3B biex iġibilna l-imfietaħ fl-aħħar ta' Jannar 2020 filwaqt li jiġi għall-ħlas. Dan wara li ntbagħtulu diversi *default notices* u baqa' jinjorahom.

Jonathan Dingli tkellem fuq il-katusa tal-ilma tax-xita fuq il-bankina fejn il-Pineapple fil-Pjazza. Hu qal illi diġa' waqgħu tnejn min-nies għax hemm biċċa kurduna nieqsa. Is-Sindku qal li ser tissewwa.

Jonathan Dingli talab li jsir refreshing tal-linji fi Triq il-Ħarriġiet mil-ħaddiema tal-RSS. Kien deċiż li jsir refreshing taz-zona kollha tal-bandli.

Jonathan Dingli talab sabiex ikun imnaddaf il-maqrut fi Triq Mikelang Sapiano mill-ħaxix ħażin.

Jonathan Dingli talab li jsir follow up fuq l-applikazzjoni ta' lampi ġodda fi Triq il-Barrieri.

Jonathan Dingli talab li għandu jsir filtering tal-e-mails kollha li l-KLM qed jibgħat lill-kunsillieri. Hu qal illi tal-inqas ilment għandu jintbgħat biss lill-kunsillier li jkun responsabbli minn dak id-dekasteru filwaqt li Owen Sciberras talab il-lista tan-numri tat-telefons tal-entitatjiet li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettiv tal-kunsillier.

Henry Zaffarese tkellem fuq il-bżonn li tinkesa bit-tarmak Triq Baskal Xuereb. Omar Farrugia qal illi din għandha tinkesa' għax tinsab fi stat verament diżastruż.

Nathan Aquilina talab lill-KLM sabiex japplika għall-iskema Achievers biex inqajmu għarfien fuq l-aspett soċjali bħall-vizzji. Din l-iskema tagħlaq fit-28 ta' Jannar u l-KLM irid jagħżel proġett.

Kien deċiż illi l-KLM se jippubblika djarji personalizzati għall-kunsillieri u l-istaff.

**08.07 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti numru 570.**

Kienet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 570 wara li kienet imressqa mis-Sindku u ssekondata minn Jonathan Dingli u approvata unanimament.

**08.08 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss.**
Kien deċiż illi l-laqgħa tal-KLM issir nhar il-3 ta' Frar u din intemmet fit-8.15pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Magħmula minn | Anthony Bonello<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv | u approvati llum 03.02.2020 | minn | Omar Farrugia<br>Sindku |